Minuti tal-Laqgħa Nru. 4 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Ralph Mangion |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. John Galea<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
5. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

**Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li kien hemm preżenti l-kuntrattur Andy Deguara u l-perit Tancred Mifsud li kienu qed jippreparaw għall iżvillup li kellu jsir f' Reid Street. Is-Sindku issuġġerixxa li fil-preżenza tagħhom jkun diskuss dan l-item. Dan l-item jinsab taħt l item tal-korrispondenza.**

1.1 Fuq punt 2.12 dan il-punt irid jinbidel fejn iż-żibel jinħareġ fl-10.30 pm barra u jibda jinġabar fil-11.30 pm.

1.2 Il-minuti ġew approvatti.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Mobile Toilets**

2.1 Fuq punt 1.2 il-Kunsillier Chetcuti qal li issa l-mobile toilets kienu niżlu hemhekk.

2.2 Il-Kunsillier Galea qal li kien hemm xi ħadd kien qed iċempillu u qallu biex jerġa jsir ieħor fejn kien qabel. Il-Kunsillier Galea qal li jekk għandu xi suġġerimenti iressaqhom il-Kunsill Lokali.

2.3 Il-Kunsillier Chetcuti qal li dawn it-toilets kienu qed jitnaddfu bejn l-4.00 pm u l-5.00 pm.

**Billboards**

2.4 Il-Kunsillier Galea qal li punti 2.1, 2.7 u 2.9 jikkonsistu fuq l-istess argument. Huwa qal li mar fuq il-post u ħa r-ritratti tagħhom fejn kien anki uriehom lis-Sindku. Huwa qal li kien hemm indikazzjoni żgħira dwarhom fejn huwa kien se jkompli jiċċekkja mal-MEPA.

**Tenders**

2.5 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fiex kien wasal it-tender tal-vann. Is-Segretarju qal li huwa kien ra d-dokument kollu u dan kien lest biex jinħareġ.

2.6 Il-Kunsillier Galea qal jekk bħala vann jistax ikollu lifter miegħu. Il-Kunsilliera Schembri qalet li importanti li l-vann jkun jista jġorr ukoll wheelchairs meta jkun hemm bżonn.

2.7 Il-Kunsilliera preżenti semmew li jekk il-karozza tal-Kunsill din hija fi stat ħażin ħafna allura għandha tkun scraped. Dawn kollha qablu fuqha. Il-Kunsilliera Schembri semmiet li nistgħu niċċekkjaw mal-iskola Stella Maris peress li dawn kellhom proġett sabiex l-istudenti jitgħallmu l-mekanika billi jesperimentaw fuq karozza vera. Is-Sindku qallha biex tiċċekkja malajr kemm jista jkun.

2.8 Is-Sindku qal li fuq il-U-Bars il-Kunsill Lokali jaqbillu jagħmilhom. Huwa qal li diġa kien ikkalkula kemm se jkollu bħala qliegħ minn inizjattiva bħal din. Dawn il-fondi imbagħad li jinġabru mill-Kunsill Lokali jintużaw biex isiru xogħolijiet infrastrutturali. Is-Sindku semma li jistgħu jkun hemm żewġ options fit-tenders, waħda bħala maintenance u l-kuntrattur jieħu ħsieb ir-reklami. L-option l-oħra tkun biex issir installation u maintenance imma l-Kunsill ikun dak li jieħu ħseib ir-reklamar.

2.9 Il-Kunsillier Hewitt semma li dawn jistgħu jintużaw biex isir bartering m' entitajiet fejn il-Kunsill ikollu xo forma t' obbligu magħhom billi dawn jingħataw possibilta ta' reklamar fuqhom.

2.10 Il-Kunsillier Galea qal li huwa daqsxejn xettiku fuq l-użu ta dawn. Il-Kunsilliera Schembri qalet li dawn iridu jkunu installati f' post prominenti. Is-Sindku semma li huwa kien qed jippjana li jsiru mija. Huwa qal ukoll li l-ewwel irridu naraw x' tgħid il-Bye Law tal-Kunsill fuqhom.

2.11 Is-Sindku ikkonkluda li sa żewġ laqgħat oħra se jinħarġu t-tenders li ssemmew. Is-Segretarju qal lill-Kunsillier Hewitt li anki t-tender tal-accountant kien lest u se jinħareġ ukoll.

**Affarijiet Oħra**

2.12 Is-Sindku qal ukoll li rridu naraw fuq il-Bye Laws tal-cameras fejn il-Kunsill Lokali jkun jista jwaħħal multi lill dawk li jabbużaw u joħorġu skart meta mhux suppost.

2.13 Il-Kunsillier Cardona saqsa fuq punt 2.17, Is-Sindku qal li fuq tal-UIF huwa ma kien irċieva l-ebda konferma għadu. Huwa qal li minn naħa tal-MEPA lanqas rigward id-DNO tal-Bandli ma kellu l-ebda risposta. Huwa qal li kien se jerġa jkellem lill-MEPA biex jara x' kien ġara.

## 3.0 KORRISPONDENZA

**Crane fi Triq Reid**

3.1 Il-Perit Mifsud qal li huwa kellhom il-permess biex iwaqqgħu d-dar fejn kien joqgħod is-Sur. Rizzo. Il-Perit semma li kien hemm żewġ options li kienu jew li jinġieb mobile crane li jiġi darbtejn fil-ġimgħa imma jdum bejn 8 xhur u 10 xhur, inkella jġibu tower crane u jdum nofs iż-żmien sa massimu ta 5 xhur.

3.2 Il-Kunsillier Chetcuti qal li jekk tingħalaq din it-triq u jkun hemm oħra aġġjaċenti tingħalaq ikun hemm konfużjoni. Huwa semma jekk dan il-crane jistax jitpoġġa Triq Carlo Manché. Il-Perit Mifsud qal li dan ma jkunx jista peress li l-crane ikollu bżonn idur dawra tond.

3.3 Il-Kunsillier Hewitt semma jekk jistax jinġieb crane ta daqs iżgħar. Il-Kunsillier Galea kompla jgħid jekk sakemm jitilgħu l-ewwel żewġ sulari tal-binja jkunx jista jinġieb crane ta' daqs iżgħar. Il-Kunsillier Galea qal li meta sar il-bini li hemm maġenb il-Knisja dawn kollha saru bi cranes iżgħar. Is-Sindku qallu li l-problema prinċipali hija li l-binja hija L shaped. Is-Sur. Deguara qal li huma dak kien il-ħsieb prinċipali tagħhom imma meta raw id-daqs tal-bażi raw li din ma tistax issir. Il-Perit u s-Sur. Deguara qallu li tower crane joħloq ħafna inqas inkonvenjent peress li dan ma jagħmilx storbju u ma joħroġx exhaust.

3.4 Il-Kunsillier Galea qal li biex isir dan ix-xogħol trid issir diversion fi Triq Vilhena. Il-Kunsillier Chetcuti semma li tista ssir diversion fi Triq il-Vitorja biex minnha l-karozzi jduru f' nofsha. Is-Sindku qal li jista jkun hemm diversion oħra f' Victory Street li ddur bil-kontra u joħorġu minn Triq Stuart.

3.5 Is-Sindku avża lill-kuntrattur u l-Perit li l-Kunsill se jkompli jiddiskuti l-każ tagħhom u jkellimhom lura meta jkollu deċiżjoni.

3.6 Il-Kunsillier Hewitt semma kieku nuru l-pjanti lill-Perit tal-Kunsill u dan jgħidilna jekk hux vera jew le jista jaħdem b' tower crane jew inkella mingħajru. Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu ma din l-idea.

3.7 Il-Kunsillier Cardona semma li fi Triq Parisio f' Tas-Sliema kien hemm ħafna nies mill-Gżira li kienu qed jipparkjaw hemm. Huwa qal li kellu ilmenti li kien hemm xi raġel f' din it-Triq li ma riedx nies li jipparkjaw lejn il-garaxx tiegħu u kien qed jobroxilhom il-karozzi. Is-Sindku qallu li din il-parti taqa taħt il-Kunsill ta' Tas-Sliema u għalhekk huma kellhom jieħdu azzjoni fuq dan l-ilment. Huwa qallu li l-Pulizija iridu jinfurzaw fuq ħaġa bħal din.

**Monument lil Albert Rizzo**

3.8 Is-Sindku semma li kien iltaqgħu mas-Sur. James Rizzo rigward il-monument tas-Sur. Albert Rizzo fejn iddusketew fejn jista jsir dan il-Monument ġewwa l-ġnien. Dan se jkun qed isir viċin il-monument ta Willie Apap.

3.9 Il-Kunsillier Hewitt semma li dan il-personaġġ kien politiku li kien jgħaqqad il-Gżirjani flimkien u kien jixraqlu li jkollu Monument. Huwa qal li dawn kien għad fadlilhom xi differenza żgħira biex ikunu ħallsu l-ispejjeż kollha assoċjatti ma dan il-Monument li jammontaw madwar €2,500 u saqsew jekk il-Kunsill jistax jagħmel tajjeb għalihom. Il-Kunsilliera qablu li din it-talba għandha tintlaqa.

3.10 Il-Kunsillier Chetcuti semma li għandha issir kundizzjoni biex minn se jkun qed jagħmel il-Monument għandu jieħu ħsieb li jipprovdi l-maintenance li jkun hemm bżonn.

**Affarijiet Oħra**

3.11 Il-Kunsillier Galea semma li huwa kien ħa ħsieb flimkien mas-Sur. Fabian Borg biex jinġiebu l-offerti għall cards fejn fost l-aħjar offerta intgħażlet dik ta Lombardi u dawn se jiswew 13c il-waħda.

3.12 Il-Kunsillier Hewitt semma li kellhom laqgħa mal-Kumitat tal-Każin tal-Banda fejn kienu tkellmu fuq l-argument tal-fondi li kien iddiskuta l-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Huma gergru li l-Kunsill kien se jipprova jnaqqas il-fondi huma ma kinux lesti li jipparteċipaw fil-Kunċert.

3.13 Is-Sindku qal li huwa kien sab kif kien sar il-ħlas fil-leġislatura preċedenti fejn is-Sindku preċedenti fejn kien jingħataw € 2,000 għall Kunċert u € 1,000 għal Milied. Is-Sindku qal li huma issa talba € 3,000 għall Kunċert biss u li l-ispejjeż addizzjonali jinħarġu mill-Kunsill.

3.14 Is-Sindku qal li huwa l-Kunsill li se jiddeċiedi jekk dan il-Kunċert isirx jew le.

3.15 Is-Sindku semma li fl-okkażżjoni ta' Jum il-Gżira trid issir xi ħaġa li tinvolvi l-għaqdiet lokali.

3.16 Il-Kunsillier Hewitt saqsa biex l-ewwel naraw x' baġitt għandu l-Kunsill Lokali allokatt għal dawn l-attivitajiet.

3.17 Is-Sindku qal li s-Sur. Fabian Borg kien għamel update tal-website.

3.18 Is-Segretarju semma li kien se jiċċekkja biex jintbagħtu soft copy tar-ritratti tal-elezzjoni u dawn ikunu printed għall Kunsilliera.

3.19 Is-Sindku semma li kien hemm Memo 8/2015 li kienet tistipula li ħaddiema klerikali li kienu ilhom mal-Kunsill aktar minn ċertu żmien kellhom jitħallsu xi aretratti.

**Il-Kunsillier Hewitt u l-Kunsilliera Schembri ħarġu fis-7.15 pm.**

3.20 Is-Sindku qal li fuq id-dawl għall Fawwara Gate, Muscat Motors kienu għadhom qed jevalwaw kemm se jkunu qed jiffinanzjaw.

3.21 Il-Viċi Sindku qal li kien iltaqa ma persuna li kienet lesta li tagħmel it-tabelli tal-lokalita mill-ġdid bi spejjeż tagħha. Is-Sindku qal lill-Viċi biex jagħmel kuntatt ma dil-persuna u nġibu aktar informazzjoni.

3.22 Il-Kunsillier Galea qal li kien hemm bżonn li jsiru aktar notice boards fil-lokalita peress li ma kienx hemm biżejjed. Is-Sindku qal li dan l-item jista jiddaħħal mal-item tal-U-Bars u jsir parti mit-tenders biex l-offerent jagħti stima tiegħu.

3.23 Il-Kunsillier Chetcuti qal li kien hemm problema fuq street lighting. Huwa qal li kien iċċekkja mas-Sur. Fabian Borg fuq dan il-każ fejn ma seta jsib l-ebda informazzjoni. Il-Kunsillier Chetcuti qal li minn informazzjoni li kellu dan il-każ kien ilu mis-sena 2008. Is-Sidnku qallu li bħala uffiċċju kien hemm ukoll problema peress li ma kienx hemm sistema

tal-customer care. Is-Segretarju ikkonferma dan peress li huwa kien għadha talbiet lid-DLG fuq dawn is-sistemi.

3.24 Il-Kunsillier Galea semma li fejn hemm il-pjazzetta tal-Housing Estate hemm bżonn li jkun hemm aktar dawl peress li f' dil-parti jkun hemm l-abbużi. Is-Sindku qal sabiex inkellmu lil electrician tal-Kunsill.

3.25 Is-Sindku semma li kienu saru quotations biex jinġiebu bozoz fi kwantita u li jkunu jistgħu jintużaw għax xatt. Huwa qal li s' issa kien hemm quotation waħda u din se tinfetaħ meta tagħlaq id-data.

3.26 Il-Viċi Sindku semma li int u nieżel minn Triq Ġuże Miċeli darba din kienu dawruha bħala traffic direction bil-kontra u kienet effettiva imma kienu neħħuha għax kien hemm persuna li gergret.

3.27 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera jekk kinux jafu xi ħaġa dwar x' se jsir fejn hemm il-ġibjuni. Il-Kunsillier Galea qal li f' intervista li darba kellhom fejn kien hemm preżenti Claudette Pace din kienet irrispondiet li hemm kien se jsir parkeġġ. Huwa qal li darba bħala Kunsill konna applikajna għal dan l-iskop u applikajna għal madwar € 100,000.

3.28 Il-Kunsillier Galea semma li nistgħu nagħmlu kuntatt mas-Sur. Johann Buttigieg tal-MEPA biex ningħataw aktar informazzjoni fuq dan il-proġett.

3.29 Il-Kunsillier Chetcuti qal li darba minn dil-ġimgħa l-Kunsill Lokali daħlulu madwar 9 permessi. Huwa qal jekk jistax ikun hemm ġurnata partikulari fejn il-Kunsill Lokali ma jaċċettax daqshekk permessi. Is-Sindku qal li ma nistgħux nagħmlu hekk. Huwa qal li l-ħsieb tal-Kunsill huwa li jkun hemm persuna apposta fuq dan ix-xogħol.

3.30 Is-Sindku semma li qed ikun hemm problema ukoll bil-wardens li meta dawn jidħlilhom rapport mhux qed ikun esegwit mill-ewwel imma jdumu ma jmorru fuq il-post. Huwa qal li din il-problema qed tkompli tinħoloq peress li l-gwardjani lokali qed ikunu ikkonċnetrati ħafna fuq iż-żona ta' San Ġiljan u l-madwar.

3.31 Il-Kunsillier Chetcuti qal jekk nistgħux nġibu informazzjoni kemm suppost qed iħallsu minn ikollu scaffolding armat għall tul ta' żmien. Is-Sindku qal li dawn iħallsu somma li tkopri dak iż-żmien malli huma jagħmlu l-permess.

3.32 Is-Sindku semma li kien hemm kuntratt ma tal-futbol li kien jistipula li kellhom isiru pagamenti lil-Club tal-futbol għall ċertu żminijiet. Huwa qal li issa kien jonqos l-aħħar pagament.

**Traffic Management**

3.33 Il-Viċi Sindku semma li fil-Ġnien qed ikun hemm ir-roti. Is-Sindku qallu biex inkellmu lill-Pulizija sabiex jinfurzaw.

3.34 Il-Kunsillier Cardona saqsa fuq l-unloading bay ta fejn tat-Topsy.

3.35 Is-Sindku qal li minn naħa tat-Trabsport Malta dawn kienu bagħatu lista tal-unloading bays imma d-dettalji mogħtija kienu ħżiena.

3.36 Il-Viċi Sindku semma li kien hemm reserved parking bay fit-tarf ta Triq Reid li kienu daħlu rapporti fuqha u din tneħħiet.

**Tindif**

3.37 Il-Kunsillier Chetcuti qal li kienu tnaddfu l-globi ta max-Xatt minn naħa tal-Cleansing.

3.38 Il-Kunsillier Chetcuti qal li tista ssir kampanja edukattiva biex in-nies isiru aktar konxji mill-importanza tat-tindif. Huwa qal li għall din il-kampanja ikun hemm Kunsilliera, kif ukoll bowser biex inaddaf it-toroq sewwa. Bħala parti minn din il-kampanja huwa qal li nistgħu ninvolvu betting companies.

3.39 Is-Sindku semma li fuq il-business cards kienu intbagħatu quotations lill-kumpaniji kollha tal-printing. Huwa qal li l-aħjar offerta kienet dik tal-Colour Focus. Huwa wera d-disinn tal-cards kif kien se jkun lill-Kunsillier biex dawk li jaqblu mad-disinn jiffirmaw għall card rispettiva tagħhom.

3.40 Is-Sindku qal li kienu tlestew ittri uffiċċjali minn naħa tal-Kunsill Lokali lill-Onor. Dr. Michael Falzon fejn intalbu li jingħataw Manoel Island u l-ex-Dar tal-Anzjani bħala premises tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dawn l-ittri kienu se jintbagħatu daqt.

3.41 Il-Kunsillier Chetcuti qal li jkun hemm ħafna ħmieġ fejn hemm il-Marina. Huwa qal li dejjem irraporta dan il-Kunsill imma kull darba jkun hemm minn jabbuża.

3.42 Il-Viċi Sindku qal li tal-Maxims jixtieq li jagħmel skip maġenb il-ħanut. Is-Sindku qal li l-Kunsill m' għandux problema li ssir skip, basta li madwarha jinżamm nadif u ma jkunx hemm inkonvenjent.

3.43 Il-Kunsillier Cardona qal li kien hemm wieħed mill-kenniesa li ma kienx qed jagħmel xogħolu sew. Il-Viċi Sindku qal li huwa kien osservah u dan kien anki waddab il-karetta fuq ir-roundabout. Il-Viċi Sindku qal li l-imgħallem tiegħu kien infurmat u issa dan il-ħaddiem ma kienx baqa jaħdem fil-lokalita.

3.44 Il-Kunsillier Chetcuti semma fuq it-tender tal-knies jekk nistgħux niltaqgħu mal-lokalitajiet l-oħra li se jkunu qed jaqgħu taħt il-Cleansing Directorate. Is-Sindku qal li Tas-Sliema s' issa għad għandhom il-kuntratt għaddej bħala Kunsill u qabel dan jiskadi ma nkunux nistgħu niddiskutu flimkien. Il-Kunsillier Chetcuti semma jekk xorta bħala Kunsill inkunux nistgħu nitkellmu mal-Kunsilli l-oħra minn qabel.

3.45 Il-Viċi Sindku semma li kien tnaddfu l-water culverts imma ħallew il-ħmieġ kollu fejn il-gabbana. Huwa qal ukoll li fejn il-lattrina qed ikun hemm ħafna wurdien filgħaxija. Is-

Sindku qal li bħala water culverts dawn iridu jitnaddfu darba fis-sena qabel jibda jagħmel l-ilma.

3.46 Il-Kunsillier Galea qal li fejn tal-Opel għadu joħrog l-ilma. Is-Sindku qal li dan mhux suppost. Huwa qal lill-Kunsillier Galea biex naraw eżatt x' inhu jiġri.

**Attivitajiet Esterni**

3.47 Il-Kunsillier Galea saqsa jekk kienx hemm il-ħsieb li ssir attivita qabel jispiċċa s-Sajf.

3.48 Il-Kunsillier Chetcuti qal li tista ssir attivita qabel Jum il-Gżira fejn jinbiegħu figolli u fl-istess ħin ikun hemm ukoll entertainment.

3.49 Il-Kunsillier Cardona qal li tista ssir xi forma ta dance festival fejn ikun hemm tipi differenti ta' żfin fl-istess okkażżjoni. Huwa qal li ħaġa bħal din għadha ma saritx hawn Malta. Huwa qal ukoll li għall attivita bħal din nistgħu nikkuntattjaw skejjel differenti ta' żfin biex jipparteċipaw.

## 4.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

4.1 Il-Kunsill ra l-lista tal-pagamenti li kien hemm waqt din il-laqgħa u dawn ġew approvatti.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 2015 fit-8.30 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-Tlieta 11 ta' Awwissu 2015 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2015.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Conrad Borg Manche | Michael Portelli |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |